



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 183/23

Il-Lussemburgu, 5 ta' Diċembru 2023

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi magħquda C-451/21 P | Il-Lussemburgu vs Il-Kummissjoni u C-454/21 P | Engie Global LNG Holding *et vs* Il-Kummissjoni

L-eżami mill-Kummissjoni Ewropea tat-tax rulings mogħtija lill-grupp Engie mil-Lussemburgu kiser id-dritt tal-Unjoni

Il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li l-Lussemburgu kien ta għajjnuna mill-Istat lill-Grupp Engie fil-kuntest tat-tax rulings marbuta ma' tranżazzjonijiet ta' finanzjament intragrupp. Madankollu, il-Kummissjoni wettqet żball fid-determinazzjoni tas-sistema ta' riferiment li tikkostitwixxi l-punt tat-tluq tal-eżami komparattiv li għandu jsir fil-kuntest tal-evalwazzjoni tas-selettività ta' dawn il-miżuri fiskali u għalhekk tal-klassifikazzjoni tagħhom bħala għajjnuna mill-Istat ipprobita. Is-sistema ta' riferiment jew is-sistema fiskali "normali", li abbażi tagħha għandha ssir l-analiżi tal-kundizzjoni relatata mas-selettività, għandha fil-fatt tinkludi d-dispożizzjonijiet li jipprevedu l-eżenzjonijiet li l-awtorità tat-taxxa nazzjonali tkun ikkunsidrat applikabbli għall-każ inkwistjoni, meta dawn id-dispożizzjonijiet, sa fejn ma jintroduċux diskriminazzjoni manifesta bejn l-impriżi, ma jipprovdux, fihom innifishom, vantaġġ selettiv fis-sens tad-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax tistabbilixxi deroga minn qafas ta' riferiment billi sempliċement tikkonstata, kif għamlet f'dan il-każ, li miżura tmur lil hinn minn għan ġenerali ta' tassazzjoni tal-kumpanniji kollha residenti fl-Istat Membru kkonċernat, mingħajr ma tiegħu inkunsiderazzjoni dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jispeċifikaw il-modalitajiet li bihom dan l-għan jiġi implimentat.

Permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' Ġunju 2018¹, il-Kummissjoni kkonstatat li l-awtoritajiet tat-taxxa Lussemburgiżi kienu adottaw żewġ sensiliet ta' deċiżjonijiet tat-taxxa - *tax rulings*, fil-kuntest ta' skemi soċjetarji u finanzjarji kumplessi fi ħdan il-grupp Engie. Fil-fehma tagħha, dan it-trattament fiskali kien ippermetta lil dan il-grupp jevita tassazzjoni fuq kważi l-profitti kollha magħmula mis-sussidjarji stabbiliti fil-Lussemburgu. Hija kkonkludiet li dawn it-*tax rulings* kienu jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern u kellhom jiġu rkuprati mill-awtoritajiet Lussemburgiżi mingħand il-benefiċjarji tagħhom.

Adita mill-grupp Engie u mil-Lussemburgu, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ċaħdet ir-rikorsi tagħhom². Engie u l-Lussemburgu għalhekk ippreżentaw appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, sabiex jiġi ddeterminat jekk miżura nazzjonali tikkostitwixxix għajjnuna mill-Istat, il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari **turi li din tagħti vantaġġ selettiv** lill-benefiċjarju tagħha. Sabiex tikklassifika miżura fiskali bħala "selettiva", hija għandha qabelxejn **tidentifika s-sistema ta' riferiment**, jiġifieri s-sistema fiskali "normali" applikabbli fl-Istat ikkonċernat. Sussegwentement, il-Kummissjoni għandha turi li l-miżura inkwistjoni **tidderoga minn din is-sistema ta' riferiment** peress li tintroduċi **differenzazzjoni bejn impriżi li jinsabu f'sitwazzjoni komparabbli**.

Id-dispożizzjonijiet tad-dritt Lussemburgiżi inkwistjoni ma jissuġġettawx b'mod espliċitu l-eżenzjoni fil-livell ta' kumpannija omm tad-dħul mill-ishma għat-tassazzjoni fil-livell tas-sussidjarja tagħha tal-profitti ddistribwiti. Din kienet l-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet imressqa mil-Lussemburgu. F'dan il-każ, il-Kummissjoni tbiegħdet minn din l-interpretazzjoni, billi qieset li din kienet inkompatibbli mal-għan ġenerali ta' tassazzjoni tal-kumpanniji residenti kollha. Il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu tirrileva li l-Kummissjoni hija, bħala prinċipju, marbuta

taċċetta l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali mogħtija mill-Istat Membru f'dibattitu kontradittorju, sakemm din l-interpretazzjoni tkun kompatibbli mal-kliem ta' dawn id-dispożizzjonijiet. Issa, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma ressqet ebda argument li jinvalida l-interpretazzjoni mressqa mil-Lussemburgu, li barra minn hekk hija kompatibbli mal-kliem ta' dawn id-dispożizzjonijiet. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta kkonfermat il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' tali rabta ta' kundizzjonalità bejn dawn iż-żewġ trattamenti fiskali.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta qieset li t-teħid inkunsiderazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-prassi amministrattiva tal-awtoritajiet tat-taxxa Lussemburgiżi dwar dispożizzjoni nazzjonali fil-qasam tal-abbuż ta' dritt ma kienx meħtieġ. Fil-fatt, sabiex issostni d-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni kellha tistabbilixxi li, fit-*tax rulings* inkwistjoni, l-awtorità tat-taxxa Lussemburgiża kienet tbiegħdet mill-prassi tagħha stess li tikkonċerna tranżazzjonijiet komparabbli għal dawk inkwistjoni.

Fl-aħħar nett, fid-deċiżjoni tagħha stess tar-rikorsi għal annullament, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **I-Kummissjoni wettqet żbalji fid-diversi analiżijiet tagħha tal-oqfsa ta' riferiment** li jiddefinixxu s-sistema normali ta' tassazzjoni. Hija tqis b'mod partikolari li l-kompetenza u l-awtonomija fiskali tal-Istati Membri f'setturi mhux armonizzati fil-livell tal-Unjoni jiġu ppreġudikati jekk il-Kummissjoni tkun tista' tiddefinixxi qafas ta' riferiment esklużivament abbażi tal-għan ġenerali ta' tassazzjoni tal-kumpanniji residenti kollha mfittex mid-dritt nazzjonali, u għalhekk billi ma tinkludix f'dan il-qafas, b'mod partikolari, dispożizzjonijiet li jipprevedu eżenzjonijiet. Dawn l-iżbalji **vvizzjaw l-analiżi kollha tas-selettività u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni hija għalhekk annullata.**

NOTA: Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiegħu konjizzjoni ta' appell, limitat għal punti ta' liġi, minn sentenza jew minn digriet tal-Qorti Ġenerali. Bħala prinċipju, l-appell ma għandux effett sospensiv. Jekk ikun ammissibbli u fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Fil-każ fejn il-kawża hija fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' hija stess taqta' l-kawża b'mod definittiv. Fil-każ kuntrarju, hija għandha tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, li tkun marbuta bid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt tas-sentenza](#) jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Deċiżjoni tal-Kummissjoni \(UE\) 2019/421](#) tal-20 ta' Ġunju 2018 dwar għajnuna mill-Istat SA.44888 (2016/C) (ex 2016/NN) implimentata mil-Lussemburgu favur Engie.

² Sentenza tat-12 ta' Mejju 2021, Il-Lussemburgu *et vs* Il-Kummissjoni, [T-516/18](#) u [T-525/18](#) (ara Stqarrija għall-Istampa [Nru 80/21](#)).